Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2119

30.7.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2119

tad-29 ta' Lulju 2024

dwar ċerti miżuri ta' emerġenza relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fir-Rumanija

(notifikata bid-dokument C(2024) 5582)

(It-test Rumen biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar hija marda infettiva li taffettwa lill-annimali kaprini u ovini u li jista' jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernati u fuq il-profittabbiltà tal-biedja, u dan jikkawża tfixkil fil-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fi ħdan l-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) F'każ ta' tifqigħa tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fl-annimali kaprini u ovini, hemm riskju serju li dik il-marda tinxtered fi stabbilimenti oħra ta' annimali kaprini jew ovini.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluża l-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, u ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta għandha tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

(4) Ir-Rumanija infurmat lill-Kummissjoni bis-sitwazzjoni attwali fit-territorju tagħha fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, wara tifqigħa ta' dik il-marda fl-annimali ovini miżmuma fil-lokalità ta' Baia, fil-kontea ta' Tulcea, li ġiet ikkonfermata fid-19 ta' Lulju 2024, u, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, stabbiliet żona ristretta, li tinkludi żona ta' protezzjoni u żona ta' sorveljanza, fejn jiġu applikati l-miżuri ta' kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Sussegwentement, ir-Rumanija infurmat lill-Kummissjoni dwar ħames tifqigħat addizzjonali ta' infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, tlieta kkonfermati fit-22 ta' Lulju 2024, u tnejn oħra kkonfermati fit-23 ta' Lulju. Tnejn minn dawk it-tifqigħat addizzjonali kienu jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni diġà stabbilita minn dak l-Istat Membru madwar l-ewwel tifqigħa, filwaqt li t-tlieta l-oħra kienu jinsabu barra miż-żona ristretta madwar l-ewwel tifqigħa. Barra minn hekk, l-aħħar tifqigħa kienet tinsab fil-kontea ta' Contanta.

(5) Sabiex jiġi kkontrollat it-tixrid tal-marda, biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn għall-kummerċ fl-Unjoni u sabiex jiġu evitati ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ minn pajjiżi terzi, jeħtieġ li fil-livell tal-Unjoni, tiġi identifikata malajr iż-żona ristretta għall-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, li tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, kif ukoll żona ristretta ulterjuri, fir-Rumanija.

(6) Id-daqs taż-żoni u d-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u f'żoni ristretta ulterjuri jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u r-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, inkluża s-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fiż-żoni affettwati minn dik il-marda u s-sitwazzjoni epidemjoloġika ġenerali tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fl-Istat Membru kkonċernat kif ukoll il-livell tar-riskju għal aktar tixrid ta' dik il-marda. Jenħtieġ li d-durata tal-miżuri tqis ukoll l-istandards internazzjonali, tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH). Fis-sitwazzjoni attwali, hemm riskju għoli ħafna ta' aktar tixrid tal-marda, b'mod partikolari minħabba l-fatt li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti, l-ewwel stabbiliment affettwat qed iżomm aktar minn ħamsin elf nagħġa u jispeċjalizza fix-xiri tan-nagħaġ tas-simna, destinati għall-esportazzjoni jew għall-kummerċ intra-Unjoni, filwaqt li l-istabbilimenti affettwati sussegwentement iżommu aktar minn sitta u erbgħin elf annimal b'kollox. Barra minn hekk, fi żmien ftit jiem, il-marda nfirxet sa 15-il kilometru mill-ewwel tifqigħa u l-informazzjoni epidemjoloġika disponibbli tissuġġerixxi li l-marda kienet preżenti fiż-żona għal perjodu ta' żmien qabel ma ġiet dijanjostikata.

(7) Għaldaqstant, iż-żoni identifikati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri fir-Rumanija jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li jiġi stabbilit it-tul ta' żmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni.

(8) Minħabba s-severità u l-urġenza tas-sitwazzjoni u sabiex jiġi limitat minnufih it-tixrid tal-marda wara din l-ewwel okkorrenza f'dak l-Istat Membru, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-movimenti tal-annimali miż-żona ta' protezzjoni, miż-żona ta' sorveljanza u minn żoni ristretti ulterjuri lejn destinazzjonijiet barra mill-perimetru estern taż-żona ristretta ulterjuri ma jseħħux, u jiġu eskluży derogi possibbli mill-projbizzjoni li l-annimali jiġu mċaqalqa kif previst fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, għal ċertu perjodu ta' żmien, sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-marda fuq distanza twila.

(9) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar u l-ħtieġa li l-marda ma tinxteridx mill-istabbilimenti affettwati fir-Rumanija lejn partijiet oħra ta' dak l-Istat Membru jew lejn Stati Membri oħra, jenħtieġ li l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni japplikaw malajr kemm jista' jkun.

(10) Għaldaqstant, iż-żoni identifikati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri fir-Rumanija jenħtieġ li jiġu stabbiliti immedjatament u jiġu elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u jenħtieġ li jiġi stabbilit it-tul ta' żmien ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni u li jiġu ristretti l-movimenti tal-annimali.

(11) Barra minn hekk, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fl-Unjoni fir-rigward tal-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika sat-30 ta' Novembru 2024.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi fil-livell tal-Unjoni:

(a) iż-żoni ristretti li jinkludu żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza li għandhom jiġu stabbiliti mir-Rumanija wara tifqigħat ta' infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti żgħar fit-territorju tagħha, kif ukoll żona ristretta ulterjuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687;

(b) id-durata tal-miżuri għall-kontroll tal-mard li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, fiż-żoni ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 u fiż-żona ristretta ulterjuri f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament Delegat.

Artikolu 2

L-istabbiliment ta' żona ristretta

Ir-Rumanija għandha tiżgura li:

(a) tiġi stabbilita minnufih mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru żona ristretta li tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, kif ukoll żona ristretta ulterjuri, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Artikolu;

(b) iż-żoni ta' protezzjoni, iż-żoni ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti ulterjuri msemmija fil-punt (a) jinkludu mill-inqas iż-żoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni;

(c) il-miżuri li jeħtieġ li jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza u fiż-żoni ristretti ulterjuri, huma applikati mill-inqas sad-dati elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Miżuri fiż-żona ristretta

Il-movimenti tan-nagħaġ u tal-mogħoż miż-żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza u miż-żoni ristretti ulterjuri lejn destinazzjoni li tinsab barra l-perimetru estern taż-żona ristretta ulterjuri kif previst fil-Punt B tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni huma pprojbiti sad-dati elenkati għal kull żona fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Novembru 2024.

Artikolu 5

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

A. **Żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħa kkonfermata**

Unità reġjonali u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Il-Kontea ta' Tulcea RO-PPR-2024-00001 RO-PPR-2024-00002 RO-PPR-2024-00003 RO-PPR-2024-00004 RO-PPR-2024-00005	Protection zone: The following communes: — Babadag — Baia — Beidaud — Casimcea — Ceamurlia de Jos — Ciucurova — Frecatei — Izvoarele — Jurilovca — Mihai Bravu — Mihail Kogalniceanu — Nabant — Sarichioi — Slava Cercheza — Stejaru — Topolog — Valea Nucarilor	26.8.2024
	Surveillance zone: The following communes: — Bestepe — Cerna — Daeni — Dorobantu — Hamcearca — Horia — Isaccea — Mahmudia — Murighiol — Niculitel — Nufaru — Ostrov — Peceneaga — Somova — Tulcea — Valea Teilor	4.9.2024

	Surveillance zone: The following communes: — Babadag — Baia — Beidaud — Casimcea — Ceamurlia de Jos — Ciucurova — Frecatei — Izvoarele — Jurilovca — Mihai Bravu — Mihail Kogalniceanu — Nabant — Sarichioi — Slava Cercheza — Stejaru — Topolog — Valea Nucarilor	27.8.2024 – 4.9.2024
Il-Kontea ta' Constanta RO-PPR-2024-00006	Protection zone: The following communes: — Cogealac — Corbu — Fantanele — Gradina — Istria — Mihai Viteazu — Sacele	26.8.2024
	Surveillance zone: The following communes: — Garliciu — Lumina — Mihail Kogalniceanu — Navodari — Pantelimon — Saraiu — Targusor — Vulturu	4.9.2024
	Surveillance zone: The following communes: — Cogealac — Corbu — Fantanele — Gradina — Istria — Mihai Viteazu — Sacele	27.8.2024 – 4.9.2024

B. **Żoni ristretti ulterjuri**

Unità reġjonali	Żoni inklużi fiż-żona ristretta ulterjuri stabbilita fir-Rumanija kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Il-Kontea ta' Tulcea	The entire county of Tulcea, excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	4.9.2024
	The entire county of Tulcea	5.9.2024 – 4.10.2024
Il-Kontea ta' Constanta	The following communes: — Castelu — Ciobanu — Constanta — Crucea — Cuza Voda — Ghindaresti — Harsova — Horia — Nicolae Balcescu — Ovidiu — Poarta Alba — Silistea — Topalu — Tortoman excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	4.9.2024
	The following communes: — Castelu — Ciobanu — Constanta — Crucea — Cuza Voda — Ghindaresti — Harsova — Horia — Nicolae Balcescu — Ovidiu — Poarta Alba — Silistea — Topalu — Tortoman	5.9.2024 – 4.10.2024
Il-Kontea ta' Braila	The following communes: — Frecatei — Marasu	4.10.2024